MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 105/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**A.B.**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet dedotti mill-Pulizija Eżekuttiva kontra A.B., talli:

(1) f'dawn il-Gżejjer fis-sena 2004 u s-sena 2003, ġewwa *omissis* u bnadi oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta stupri vjolenti fuq il-persuna ta' C.D., minorenni, liema delitti huma aggravati peress li huwa kien axxendent, tutur jew istitur fuq l-istess minorenni;

(2) f'xi żmien bejn is-sena 2003 u s-sena 2005, ġewwa *omissis* u bnadi oħra, ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta' E.F., minorenni, liema delitt huwa aggravat peress li huwa kien axxendent, tutur jew istitur fuq l-istess minorenni;

(3) f'dawn il-Gżejjer fis-sena 2004 u 2003, ġewwa *omissis* u bnadi oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni kkorrompa lill-imsemmi C.D. minorenni, meta hu kien axxendent mid-demm jew bi żwieġ, u li imqar għal xi żmien l-istess minuri ġie fdat lilu sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu;

(4) f'dawn il-Gżejjer fis-sena 2004 u s-sena 2003, ġewwa *omissis* u bnadi oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta diversi attentati vjolenti għal pudur fuq il-persuna ta' l-imsemmi C.D., minorenni;

(5) f'dawn il-Gżejjer fis-sajf tas-sena 2004 u fis-snin ta' qabel, ġewwa *omissis* u bnadi oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, mingħajr setgħa skond il-liġi ta' awtorita` kompetenti u barra mill-każijiet fejn il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, arresta, żamm jew issekwestra lill-istess C.D., minorenni u dan sabiex iġiegħlu jagħmel jew joqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tiegħu;

(6) f'dawn il-Gżejjer fis-sajf tas-sena 2006 u fis-snin ta' qabel, ġewwa *omissis* u bnadi oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni kkorrompa lil E.F. minorenni, u G.H. minorenni, u

persuni oħra, ilkoll persuni li kienu għadhom ma għ`alqux l-eta ta’ tnax-il sena u meta hu kien axxendent mid-demm jew bi żwieġ, u li mqar għal xi żmien l-istess minuri ġew fdati lilu sabiex jieħu ħsiebhom, jedukahom, jgħallimhom, jindukrahom jew iżommhom;

(7) f’dawn il-Gżejjer fil-bidu tas-sena 2007 u fis-snin ta’ qabel, ġewwa *omissis* u bnadi oħra, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u ġew magħmulin b’riżoluzzjoni wahda, b’xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, eċċita, għen jew iffaċilita l-korruzzjoni ta’E.F. minorenni, u minorenni oħrajn tas-sess il-wieħed jew l-ieħor;

(8) fis-sajf tas-sena 2005, bhala ċittadin jew resident permanenti ta’ Malta, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, ġibed jew ippermetta li jinġibed xi ritratt, film, *video recording* jew xbieha elettronika indeċenti bħal dawn jew kellu fil-pussess tiegħu ritratt, film, *video recording* jew xbieha elettronika ndeċenti bħal dawn, liema reat huwa aggravat bil-fatt li xi uħud minn dawn ir-ritratti, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indeċenti juru persuni taħt l-eta` li ma kinux għalqu d-disa’ snin; u

(9) talli f’dawn il-Gżejjer fis-sajf tas-sena 2006 u fis-snin ta’ qabel, ġewwa *omissis* u bnadi oħra, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u ġew magħmulin b’riżoluzzjoni waħda offenda l-pudur jew il-morali, b’egħmil li sar fil-pubbliku jew lok espost għall-pubbliku;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali ta’ l-24 ta’ Frar 2012 fejn il-Qorti sabet lill-imsemmi A.B. ħati ta’ l-ewwel (1), u t-tieni (2) imputazzjoni (mingħajr l-aggravji), it-tielet (3), is-sitt (6), is-seba’(7), it-tmin (8), u d-disa’(9) imputazzjonijiet, mhux ħati tar-raba’(4) u l-ħames (5) imputazzjonijiet u minnhom illiberatu, b’assorbiment għal fini ta’ piena tas-seba’ (7) imputazzjoni fit-tielet (3), is-sitt (6) u t-tmin (8) imputazzjonijiet, u wara li rat l-artikoli 18, 198, 203(1)(a), u (c), 203A, 208A, 209, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta, ikkundannatu għal perijodu ta’ għaxar (10) snin priġunerija. Inoltre kkundannatu jħallas l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f’dawn il-proċeduri. Fl-aħħarnett ordnat li l-isem tat-tliet minuri flimkien mal-

partikolaritajiet tagħhom u isem il-ħati (ziju ta' l-istess minuri), ma jiġux ippubblikati fuq il-mezzi tax-xandir u dan għal għan uniku, sabiex tiġi protetta l-identita` tal-minuri;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi A.B. ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2012 fejn talab li din il-Qorti tibdel u tvarja s-sentenza appellata billi: filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja tagħha fejn sabitu mhux ħati tar-raba' (4) u l-ħames (5) imputazzjonijiet hawn fuq imsemmija; billi wkoll din il-Qorti tikkonferma s-sejbien ta' ħtija kwantu t-tielet (3), is-sitt (6) u d-disa' (9) imputazzjonijiet hawn fuq indikati, u dan stante li anke kif diġa` ngħad ma hemm l-ebda aggravju imsemmi f'dan ir-rikors kwantu dawn l-istess tliet imputazzjonijiet; u billi li din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza appellata kwantu l-ewwel (1), it-tieni (2), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjonijiet hawn fuq imsemmija u minnhom tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull ħtija; u rigwardanti piena, sew jekk jiġu akkolti l-aggravji tiegħu u r-revoka tal-imputazzjonijiet indikati minnu, u sew f'każ ta' konferma ta' ħtija, illi tibdel u tvarja s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta skond il-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant jirrigwardaw l-ewwel (1), it-tieni (2), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjonijiet. Dawn sejrin jiġu kkunsidrati *seriatim*.

**6.** Permezz ta' l-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid:

"**A.** **MA HEMMX L-EZISTENZA LEGALI TAR-REAT TA' STUPRU**

"**A.1 L-elementi materjali ta' stupru ma jinkludux sess orali u kwindi n-nuqqas ta' dan l-element igib necessarjament mieghu li d-delitt *de quo* ma ghandux ezistenza legali f'dan il-kaz.**

"L-Ewwel Onorabbli Qorti a fol 18 tas-sentenza tghid testwalment li:

"'Hija fehma ta' din il-Qorti illi l-inseriment sforzat tal-pene maskili f'wahda mit-tlett orefici intimi tal-persuna – u cioè il-**halq, il-vagina u l-anus,** f'dan il-kaz f'halq ta' minuri ta' anqas minn disa' snin, jikklassifika f'penetrazzjoni u kongungiment karnali bi vjolenza ai termini tal-artikoli 198 u 201 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.' (Sottolinear tal-esponenti)

"B'kull rispett, u fl-umili fehma tal-esponenti, din ma hix interpetazzjoni korretta tal-ligi moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

"Id-delitt ta' stupru taht l-artikolu 198 tal-Kodici Penali jikkonsisti essenzjalment f'kongungiment karnali bi vjolenza. Il-ligi ma taghtix definizzjoni dettaljata ta' x'tip ta' kongungiment karnali irid ikun hemm ghar-reat ta' stupru, izda l-gurisprudenza nostrana konfortata minn diversi guristi, ittrattat kazijiet li ma kinux jikkonsistu f'kongungiment konsistenti fl-introduzzjoni tal-verga maskili gol-organu genitali tal-vittma.

"Tali kazijiet kienu jikkoncernaw atti sesswali ohra mankanti l-premess biex jigi assodat jekk tali atti jidhlux fil-parametri tat-tifsira ta' kongungiment karnali kwindi d-delitt ta' stupru. Hekk insibu li gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-*coito per bocca* ma jammontax ghar-reat ta' kongungiment karnali kif kontemplat mill-ligi taghna.

"Fil-kawza ***P vs Douglas James sive Jack Shedden et***., deciza nhar id-9 ta' Mejju 1959 per Imhallef Harding, saret analizi dettaljata dwar jekk il-*coito per bocca* ghandux jitqies kongungiment karnali kontra n-natura, u wara referenza dettaljata ghad-dottrina relattiva kemm Taljana kif ukoll Ingliza, din il-kwistjoni giet deciza fin-negattiv bl-Onorabbli Qorti tghid testwalment:

"'li l-att tal-introduzzjoni tal-organu genitali tal-appellant Shedden f'halq l-appellat l-iehor ma jammontax ghall-kongungiment karnali kontra natura'.

"Din l-interpretazzjoni bagqhet tigi addottata mill-Qrati taghna sal-gurnata tal-lum. Fil-kawza ***Il-Pulizija vs C. E.***, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-10 ta' Jannar 2001 (mill-liema sentenza ma gie intavolat ebda appell mill-Avukat Generali), il-Qorti ghamlet distinzjoni bejn *coito per bocca* u l-introduzzjoni jew penetrazzjoni tal-organu genitali ta' persuna fl-organu genitali ta' persuna ohra. Fil-kaz in kwistjoni, ghall-Qorti kien sufficjentement pruvat li l-imputat kien ghamel sess orali mal-vittma minghajr il-kunsens taghha, izda, filwaqt li l-imputat f'dan il-kaz gie misjub hati ta' attentat vjolenti ghall-pudur, il-Qorti lliberatu mill-imputazzjoni ta' stupru.

"Bir-rispett, l-appellanti, tenut kont ukoll tal-fatt illi l-ligi in kwistjoni baqghet dejjem l-istess u qatt ma giet emendata, kif ukoll tal-fatt li l-interpretazzjoni tal-istess ligi qatt ma giet varjata, ma jara l-ebda raguni ghaliex ghandu jkun hemm xi partenza minn dan l-insenjament fil-kaz in kwistjoni.

"Dan ir-ragunament tal-Qrati nostrana u tal-esponenti dwar il-*coito per bocca*, isib konfort ukoll jekk wiehed jikkonsidra l-emendi ricenti li saru l-Ingilterra fejn kien propju biss bl-introduzzjoni tas-*Sexual Offences Act, 2003* li dahal fis-sehh f'Mejju tal-2004, li r-reat ta' stupru gie estiz biex jinkludi wkoll penetrazzjoni orali, stante li qabel dan il-fatt ma kienx jinkwadra taht stupru.

"Ghaldaqstant, fid-dawl ta' din is-sottomissjoni, jigi ritenut, bir-rispett, illi kwalunkwe referenza fix-xhieda tal-minuri, kemm ta' E.F. kif ukoll ta' C.D., ghall-tqeghid tal-pene tal-imputat f'halqhom ma ghandux jikkostitwixxi r-reat ta' stupru. Anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja tal-argument biss, kellu jigi accettat li fil-fatt kien hemm sess orali sfurzat dan ma jikkostitwixxix l-*actus reus* li trid il-ligi sabiex jirrizulta stupru taht l-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali.

**7.** Il-liġi tagħna tippunixxi lil min "bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor". Il-liġi ma tiddefinix x'għandha tkun in-natura ta' l-istupru. Irid, naturalment, ikun hemm konġunġiment karnali li, skond l-artikolu 206 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jitqies ikkunsmat bil-bidu tal-konġunġiment, mingħajr ma tkun meħtieġa l-prova ta' atti oħra. L-appellant jippretendi illi l-*coito per bocca* bi vjolenza m'għandux jitqies stupru u jiċċita xi ġurisprudenza nostrana. L-ewwelnett f'Malta ma nabbraċċjawx it-teorija ta'*"binding judicial precedent"*. Għalhekk l-ewwel Qorti kellha kull dritt

tiddeċiedi kif iddeċidiet. Inoltre din il-Qorti tgħid mill-ewwel li hija tikkondividi l-fehma ta' l-ewwel Qorti.

**8.** Il-liġi tagħna qatt ma għamlet xi limitazzjonijiet fuq l-interpretazzjoni li kellha tingħata lil dan ir-reat. Il-fatt li il-*coito per bocca* iddaħħal fil-liġi Ingliza fl-2003 permezz tas-Sexual Offences Act 2003 hi biss konsiderazzjoni li ssaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti li l-*coito per bocca* m'għandux jiġi eskluz.

**9.** Interessanti wkoll dak li jgħid Antolisei[1], għalkemm hu stess jgħid li ma jaqbilx ma din il-fehma: *"Per la maggioranza della dottrina* (bħal Manzini, Manfredini, Jannitti Piromallo E.), *invece, la congiunzione carnale non presuppone necessariamente ne` la normalita` della copula, ne` la diversita` del sesso tra i due soggetti. Essa, percio`, viene ravvisata anche nel coito anale e in quello orale (la c.d. fellatio in ore), anche quando avvengano tra persone del medesimo sesso (accoppiamento omosessuale)."*

**10.** Jgħid ukoll l-Antolisei li l-Qorti ta' Kassazzjoni taqbel ma' dan il-ħsieb: *"E cioe` per l'opinione secondo la quale costituisce congiunzione carnale non soltanto la compenetrazione fra organi propriamente sessuali, e cioe` la copula nello stretto senso fisiologico (coito vaginale), ma anche il coito anale e il coito orale, qualunque sia il sesso del violentato. Cfr. Cass. 22 maggio 1963, in Giust. Pen. 1964, II, 253, 327; Id., 28 marzo 1961, in Mass. pen. 1961, m. 1177; Id. 26 giugno 1958, in Giust. pen. 1959, II, 96, 116".* Ma jonqosx li jindika wkoll li hemm *"dissensi di giudici di merito. Nel senso del testo, per esempio, Trib. Vallo di Lucania, 8 ottobre 1956, in Giust. pen. 1957, II, 493."*

**11.** Din il-Qorti, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, għalhekk taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti li "l-inseriment sforzat tal-pene maskili f'waħda mit-tliet orefiċi intimi tal-persuna – u cioe`, **il-ħalq, il-vaġina u l-anus** ... jikklassifika

[1] Manuale di Diritto Penale parte speciale I Giuffre` editore 1966 p. 375 – 376.

f'penetrazzjoni u konġunġiment karnali bi vjolenza ai termini ta' l-artikoli 198 u 201(a)."

**12.** Għalhekk l-ewwel aggravju ta' l-appellant hu respint.

**13.** Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant jgħid hekk:

*Omissis*

**23.** Konsegwentement it-tieni aggravju hu miċħud.

**24.** <u>It-tielet aggravju</u> jirrigwarda s-sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 208A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant jgħid hekk:

> "Ghar-rigward tat-tmien (8) imputazzjoni, l-Ewwel Onorabbli Qorti tikkwota verbatim it-test tal-ligi u cioè l-artikolu 208A u wara tghaddi mall-ewwel biex tghid li dan ir-reat huwa ampjament ppruvat u:
>
> "'Ghalhekk tirrizulta t-tmien (8) akkuza fil-konfront tal-imputat, b'aggravji mahsuba fis-sub-incizi (IB) u (3) tal-istess Artikolu 208A.'
>
> "Madanakollu, mal-ewwel wiehed jinduna li bir-rispett l-Ewwel Qorti kkwotat il-ligi kif applikabbli fil-mument li nghatat s-sentenza u mhux fil-mument li sehh l-allegat reat.
>
> "Skond ic-citazzjoni, it-tmien imputazzjoni takkuza lill-imputat li <u>"fis-sajf tas-sena 2005"</u> gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, film, video recording etc., liema xbiehat juru persuni taht l-eta` li ma kinux ghalqu d-disa' snin.
>
> "L-artikolu 208A gie introdott fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta bl-Att II tal-2002. Bl-Att II tal-2002 l-artikolu 208A kien jghid testwalment:
>
> "'(1) Kull cittadin jew residenti permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f'Malta, li jigbdu jew jippermettu li jingibed xi ritratt, *film*,

*video recording* jew xbieha elettronika indicenti ta’ persuna taht l-eta`, jew iqassmu jew juru ritratt, *film, video recording* jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, jew ikollhom fil-pussess taghhom ritratt, *film, video recording* jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, jehlu meta jinsabu hatja, il-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta’ mhux izjed minn mitejn lira, jew dik il-prigunerija u multa flimkien:

“Izda ghall-finijiet ta’ dan l-artikolu l-espressjoni “residenti permanenti” ghandha l-istess tifsir moghti lilha bil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-artikolu (5).

“‘(2) Ritratt, *film, video recording* jew xbieha elettronika, jekk dawn ikunu juru persuna ta’ taht l-eta’ u jkunu indicenti, ghandhom, ghall-finijiet kollha ta’ dan l-artikolu, jigu trattati bhala ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indicenti.

“‘(3) Jekk id-delitt imsemmi fis-subartikolu (1) isir minn axxendent mid-demm jew bi zwieg, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, tkun ġiet fdata l-persuna ta’ taħt l-eta` murija fir-ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha, jew meta dik il-persuna taht l-eta` ma tkunx ghalqet disa’ snin, il-piena tkun ta’ prigunerija minn seba’ xhur sa sena, bir-rekluzjoni jew minghajrha, u jghoddu wkoll id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) tal-artikolu 197”.

“L-istess artikolu 208A gie sussegwentament emendat bl-Att XXI.2007.12 fejn *inter alia* gie sostitiwit l-artikolu 208A(1) u l-piena telghet minn prigunerija ta’ seba’ xhur sa sena ghal dik ta’ tnax-il xahar sa hames snin, u zdiedu l-artikoli 1A, 1B, u 1C, kif ukoll is-sub-artikoli (a) u (b) tal-artikolu 208A (3).

“Dan l-Att XXI.2007 dahal fis-sehh fil-31 ta’ Dicembru 2007. Wara, fis-sena 2010 rega’ kien hemm emendi ta’ dan l-istess artikolu bl-Att VII tal-2010 li dahal fis-sehh fit-22 ta’ Gunju 2010.

“Ic-citazzjoni però hija cara dwar id-data u cioè li dan l-allegat reat sehh *“fis-sajf tas-sena 2005”.* Apparti minn hekk, ir-rapport kontra l-imputat minn missier E.F. gewwa l-Ghassa tal-Pulizija sar fit-28 ta’ April 2007 u ghalhekk zgur huma eskluzi l-emendi li dahlu fis-sehh bl-Att XXI tal-2007 u VII tal-2010. Ghalhekk, giet applikata ligi fil-konfront tal-esponenti, ligi skorretta stante li ma kienx jezisti l-artikolu 208A (IB) u wisq anqas l-artikolu 208A(3)(b) li kkowtat l-istess Qorti.

“Allura jsegwi li l-esponenti ma seta’ qatt jinstab hati tal-artikolu 208A *“b’aggravji mahsuba fis-sub-inciz (1B) u (3) tal-istess Artikolu 208A”* kif kwotati fis-sentenza stess. Finalment ghandu jinghad li ma hemm l-ebda dubju li din hija emenda fis-sostanza u mhux procedurali u kwindi ma jista’ qatt ikollha effett retroattiv.”

**25.** Mis-sentenza appellata jirriżulta bla dubju ta’ xejn illi l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 208A kif kien fi żmien is-sentenza. Difatti hija tiċċita *verbatim* dan l-artikolu kollu kif emendat permezz ta’ l-Att XXXI (mhux XXI kif indikat mill-appellant) tas-sena 2007 u permezz ta’ l-Att VII tas-sena 2010. Għal dak li jirrigwarda l-pussess ta’ materjal indeċenti ta’ persuna taħt l-eta`, permezz ta’ l-Att XXXI dan ma baqax aktar reat taħt is-subartikolu (1) iżda bħala reat separat taħt is-subartikolu ġdid (1B). Inoltre, permezz ta’ l-Att XXXI tas-sena 2007 kien hemm żieda notevoli fil-pieni applikabbli, u permezz ta’ l-Att VII tas-sena 2010 ukoll kien hemm xi żidiet fil-pieni.

**26.** Issa, skond l-artikolu 27 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta: **“Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.”** Permezz tal-liġi oriġinali, il-piena għal dak kontemplat fis-subartikolu (1) bl-aggravanti kien ta’ priġunerija minn seba’ xhur sa sena, bir-reklużjoni jew mingħajrha. Il-liġi kif kienet meta  ngħatat is-sentenza appellata kienet (u għada) tipprovdi li l-piena bl-aggravanti fir-rigward ta’ dak kontemplat fis-subartikolu (1) hi dik ta’ priġunerija minn sentejn sa disa’ snin u fir-rigward tas-subartikolu (1B) bl-aggravanti skond is-subartikolu (3) dik ta’ priġunerija minn sitt xhur sa erba’ snin. Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qalet li t-tmien imputazzjoni tirriżulta“b’aggravji maħsuba fis-subinċiżi (1B) u (3) tal-istess Artikolu 208A”. Apparti li s-subartikolu (1B) mhuwiex aggravanti, il-fatt li l-ewwel Qorti ċċitat dan is-subartikolu jindika li l-piena li rreferiet għaliha l-ewwel Qorti kienet dik kontemplata fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3), cioe` l-piena ta’ priġunerjia minn sitt xhur sa erba’ snin. Għalhekk, fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-imsemmi artikolu 27 tal-Kap. 9, il-piena fir-rigward tat-tmien imputazzjoni għandha tkun, bħala *minimum* dik ta’ sitt xhur u bħala *maximum* dik ta’ sena.

**27.** Għalkemm fir-rikors ta’ appell tiegħu l-appellant talab ir-revoka tas-sejbien ta’ ħtija tat-tmien imputazzjoni, din il-Qorti, wara li eżaminat il-provi, taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti dwar il-fatti riżultanti, u dawn jissubentraw f’dak li kienu jipprovdu s-subartikoli (1) u (3) ta’ l-artikolu 208A

oriġinali. Konsegwentement l-aggravju in eżami hu milqugħ biss fis-sens li ngħad fil-paragrafu preċedenti, u cioe` fir-rigward tal-parametri tal-piena applikabbli. Is-sejbien ta’ ħtija, pero`, jibqa’ bla mittiefes.

**28.** Ir-raba’ aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda s-sejbien ta’ ħtija taħt l-artikolu 203A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Huwa jsostni li ma kellux jinsab ħati taħt dan l-artikolu. Jgħid:

> “L-Ewwel Onorabbli Qorti ghar-rigward ta’ dan l-artikolu tghid is-segwenti:
>
> “‘Ghar-rigward tas-seba’ (7) akkuza, din l-akkuza hija assorbita in vista tas-sejbien tal-htija fit-tielet (3), is-sitt (6) u t-tmien (8) akkuza.’
>
> “B’kull rispett però, l-esponenti ma jaqbilx ma’ dan ir-ragunament tal-Qorti, stante li fl-umili fehma tal-esponenti kellu jkun hemm liberazzjoni minn dan ir-reat stante li tenut kont c-cirkostanzi tal-kaz kollu ma jissussistux l-ingredjenti ta’ dan ir-reat.
>
> “L-artikolu 203A jibda’ bil-premessa:
>
> “‘Kull min, b’xi mezz barra minn dak imsemmi fl-artikolu 203(1)’
>
> “L-Ewwel Onorabbli Qorti kienet digà ddikjarat lill-imputat hati tal-artikolu 203(1), u allura kkonfermat li l-korruzjoni tal-minuri kienet dik li tirrizulta taht l-artikolu 203(1). Id-dicitura turi li sejbien ta’ htija taht l-artikolu 203A qatt ma tista’ ssehh jekk ikun hemm htija ghall-istess fatti taht l-artikolu 203, stante li huma alternattivi. Ghaldaqstant, isegwi awtomatikament li l-esponenti kellu jigi dikjarat mhux hati ta’ din l-akkuza u mhux, bir-rispett, ikun hemm semplicement dikjarazzjoni li dan ir-reat huwa assorbit f’reati ohrajn li taghhom kien hemm dikjarazzjoni ta’ htija.”

**29.** L-appellant għandu raġun. Stante li mir-riżultanzi hu assodat dak li jipprovdi l-artikolu 203(1), il-fatt li l-artikolu 203A jibda bil-premessa li kull min “b’xi mezz barra minn dak imsemmi fl-artikolu 203(1)”, irendi dan l-artikolu alternattiv għall-ewwel wieħed. Għalhekk l-appellant kellu jiġi lliberat minn dan l-artikolu.

**30.** L-aħħar aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-piena. L-appellant jgħid hekk:

> "Minghajr pregudizzju ghall-premess, in vista tal-aggravji kollha *supra* l-esponenti umilment jissottometti illi dan wahdu ghandu awtomatikament iwassal ghal riduzzjoni sostanzjali fil-piena.
>
> "Fit-tieni lok, l-esponenti umilment jigbed l-attenzjoni ghall-fatt illi filwaqt illi kienet l-istess Ewwel Qorti li iddikjarat li fis-sentenza hadet in konsiderazzjoni fatturi mitiganti bhal kollaborazzjoni tal-imputat mal-pulizija u l-fatt li kiseb ghajnuna minn rajh ghand psikjatra, madanakollu xorta wahda l-piena li giet effettivament imposta fuq l-imputat hija wahda li pjuttost toqrob lejn il-massimu permess mill-ligi milli lejn in-nofs jew il-minimu. (Jekk mhux zbaljat, jidher li l-massimu tal-piena, skond is-sejbien ta' htija tal-Ewwel Onorabbli Qorti kien hdax-il sena u hames xhur filwaqt illi l-minimu kien erba' snin u erba' xhur). Jigi mfakkar illi fl-istess stqarrija tal-imputat, il-pulizija nghatat informazzjoni dwar dettalji ohra li l-istess pulizija kienet ghadha ma tafx bihom u li kieku ma qallhomx dwarhom l-imputat, dawn kollha kienu jibqghu misturin sal-gurnata tal-lum."

**31.** Dwar il-komputazzjoni tal-piena, l-appellant m'għandux raġun peress illi dwar l-ewwel imputazzjoni biss, fejn il-piena hi dik ta' priġunerija minn tliet snin sa disa' snin, biż-żieda massima ta' żewġ gradi minħabba r-reat kontinwat dik il-piena titla' għal priġunerija minn ħames snin sa għoxrin sena. Imbagħad magħħa jrid jiżdied minn terz san-nofs taż-żmien tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien.

**32.** Hawn si tratta mbagħad ta' persuna li abbuża mill-pożizzjoni tiegħu bħala membru tal-familja biex jissodisfa x-xewqat libidinużi tiegħu fuq tfal. Ma tistax ma tirreferix għad-dikjarazzjoni xokkanti tiegħu fir-rigward ta' waħda mill-bniet li "l-eta` tat-tifla qatt ma tajt kasha". Huwa veru illi l-appellant jgħid li kien abbużat meta kien tifel, iżda dan ma jista' jservi qatt ta' skużanti għal dak li nfliġġa b'mod sistematiku fuq medda ta' snin fuq it-tliet minorenni msemmija f'dawn il-proċeduri.

**33.** Bħalma ġie ndikat *supra*, l-appellant se jiġi dikjarat mhux ħati tar-reat kontemplat fl-artikolu 203A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Peress illi l-ewwel Qorti kienet iddikjarat din l-imputazzjoni (is-seba' waħda) assorbita fit-tielet, fis-sitt u fit-tmien imputazzjonijiet, u allura ma ġiet akkordata l-ebda piena fir-

rigward ta’ din l-imputazzjoni, ma hu se jsir l-ebda temperament fil-piena minħabba n-nuqqas ta’ ħtija ta’ din l-imputazzjoni.

**34.** Fir-rigward tar-reat kontemplat fl-artikolu 208A (it-tmien imputazzjoni), għalkemm l-ewwel Qorti rreferiet għal-liġi viġenti fi żmien is-sentenza, jirriżulta mill-parametri tal-piena effettivament applikabbli li ċertament l-ewwel Qorti ma setgħetx ikkunsidrat piena akbar minn dik ta’ sena priġunerija (il-massimu applikabbli) considerando n-natura tar-reati l-oħra li tagħhom l-appellant instab ħati, meta ġiet biex tikkomputa l-piena. Għaldaqstant din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni biex tnaqqas il-perijodu ta’ priġunerija nflitta fuq l-appellant.

**35.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant ħati tas-seba’ imputazzjoni (ir-reat kontemplat fl-artikollu 203A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta), tiddikjarah mhux ħati ta’ dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta’ isem it-tliet minorenni u l-partikolaritajiet tagħhom u isem l-appellant (iz-ziju tal-minorenni), kif ukoll il-partikolaritajiet li jistgħu jaslu għall-identifikazjoni tagħhom, fi kwalunkwe mezz tax-xandir u/jew elettroniku, u dan sabiex tiġi protetta l-identita` tal-minorenni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------